# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2015 – Dow AgroSciences u Dintec Agroquímica – Produtos Químicos vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-446/10)** ([1])

***[“Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti — Sustanza attiva trifluralin — Nuqqas ta' inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE — Regolament (KE) Nru 33/2008 — Proċedura aċċellerata ta' evalwazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni — Proporzjonalità”]***

(2015/C 346/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Dow AgroSciences Ltd (Hitchin, ir-Renju Unit); u Dintec Agroquímica – Produtos Químicos, L[da] (Funchal, il-Portugall) (rappreżentanti: K. Van Maldegem u C. Mereu, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn P. Ondrůšek u F. Wilman, sussegwentement minn P. Ondrůšek u G. von Rintelen, aġenti, assistiti minn J. Stuyck, avukat)

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/355/UE, tal-25 ta' Ġunju 2010, dwar li ma għandux jiġi inkluż trifluralin fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 160, p. 30).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Dow AgroSciences u Dintec Agroquímica – Produtos Químicos, L[da] għandhom ibatu, barra l-ispejjeż tagħhom, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 346, 18.12.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Settembru 2015 – Amitié vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-234/12)** ([1])

***(“Klawżola ta' arbitraġġ — Sussidju — Għajnuna finanzjarja — Sospensjoni ta' ħlas — Talba għar-rimbors tal-ispejjeż iddikjarati — Danni — Interessi moratorji — Nota ta' debitu — Responsabbiltà kuntrattwali — Kontrotalba”)***

(2015/C 346/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Amitié Srl (Bologna, l-Italja) (rappreżentanti: D. Bogaert, M. Picat u C. Siciliano, avukati)